**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 16 ta' Dicembru, 2015**

**Rikors Nru: 804/2015 AF**

**Banif Bank (Malta) plc (C41030)**

**vs**

**John Bugeja**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' Banif Bank (Malta) plc, li permezz tieghu, wara li gie premess illi:

Il-kumpanija esponenti hi l-bank kummercjali licenzjat taht il-Ligijiet ta' Malta biex fost l-ohrajn isellef flus lill-klijenti tieghu.

Il-konvenut huwa klijent tal-kumpanija esponenti u ha minn ghandha self (Personal Loan) ta' hamsa u tletin elf Euro (€35,000), in relazzjoni ma' hlas ta' debitu ma' terzi, l-akkwist ta' vettura u htigijiet personali ohra, u dan ai termini ta' Credit Agreement datat 18 ta' Marzu 2010 (ara Dok. 'A').

Il-konvenut naqas milli jhallas lura dan is-self u konsegwentement, il-bilanc dovut mill-konvenut hu ta' disgha u

ghoxrin elf, mitejn wiehed u sittin Euro u hdax-il centezmu (€29,261.11). Dan l-ammont jinkludi imghaxijiet ta' elf, tmien mija, sitta u disghin Euro u erbatax-il centezmu (€1,896.14), kif kalkulati sat-3 ta' Awwissu 2015 u jikkoncerna Loan Account numru 92142.71.001 (ara Dok. 'B').

L-ammont fuq imsemmi, sar dovut fl-intier tieghu mill-konvenut lill-kumpanija esponenti ai termini t'artikolu 11(1) tal-Credit Agreement imsemmi aktar 'l fuq u dan ghax kif jistipula dan l-istess Artikolu, sehhew wahda jew aktar mill-events of default imsemmijin fl-ahhar parti ta' dan il-Credit Agreement partikolarment, izda mhux esklussivament:

"a. Default by the Borrower/s in the payment of any amount of principal interest, fees, charges due for payment in the manner stipulated in the agreement regulating the Facility,
b. The Borrower/s committing any other breach of or omitting to observe any other of the obligations and undertakings as expressed to be assumed by it in the agreement regulating the Facility,
n. Any other event which in the Bank's reasonable opinion gives grounds for belief that the Borrower/s may not perform all or any of the obligation/s under or otherwise comply with the terms of the agreement regulating the Facility".

Il-kumpanija esponenti ttentat tinterpella lill-konvenut diversi drabi biex ihallasha d-dejn, fosthom permezz ta' ittra legali datata 13 ta' Ottubru 2011 (ara Dok. 'C') u ittra ufficcjali numru 2406/2013 datata 12 t'Awwissu 2013 (ara Dok. 'D"), izda dan baqa' inadempjenti.

Il-kreditu tal-kumpannija esponenti huwa cert, likwidu u dovut u l-konvenut m'ghandux eccezzjonijiet x'jaghti f'dan ir-rigward kontra t-talbiet tal-kumpanija esponenti.

Ghalhekk jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi a tenur tal-Artikoli 167 et sequitur tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Intalbet din il-Qorti biex:

1. Taqta' u tiddeciedi dina l-kawza bid-dispensa tas-smigh, ai termini tal-Artikoli 167 et sequitur tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta; u

2. Tiddikjara li l-konvenut sar debitur tal-kumpanija esponenti fl-ammont ta' €29,261.11; u

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-kumpanija esponenti l-ammont komplessiv ta' €29,261.11.

Bl-ispejjez, bank charges u fees u bl-imghaxijiet mit-3 ta' Awwissu 2015 sad-data tal-pagament effettiv.

Il-bank charges u fees qed jintalbu ai termini tal-Credit Agreement imsemmi f'din il-kawza u t-Tariff of Charges relattivi ghall-Personal Loan Accounts (ara Dok. 'E'). Dawn it-Tariff of Charges tqiesu li saru japplikaw ghall-konvenut appena nghata s-self mertu ta' din il-kawza.

L-imghaxijiet qed jintalbu bir-rata ta' disgha punt tnejn hamsa fil-mija (9.25%) fis-sena fuq l-ammont dovut u dan ai termini tal-Artikoli 7 u 11(n) tal-istess Credit Agreement fuq imsemmi.

Il-konvenuti hu minn issa ingunt ghas-subizzjoni u dan b'rizerva ghal kull dritt iehor spettanti lill-kumpanija esponenti fil-konfront tal-istess konvenut.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat li, minkejja li gie debitament notifikat, John Bugeja baqa' ma deherx.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-ewwel talba, tilqa' t-tieni talba kif dedotta, tilqa' t-tielet talba kif dedotta.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu minn John Bugeja.

IMHALLEF

DEP REG